**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 268/2016 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**BERTRAM ZAHRA**

**Illum, 12 ta' Dicembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi **BERTRAM ZAHRA** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 340390M, tressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fl-20 ta' Jannar 2016 u fi Triq Prof. J.G. Baldacchino, Haz Zabbar, fil-gzejjer Maltin, sraqt cilindru tal-gas ghad-detriment ta' Rita Micallef ghal valur ta' anqas minn €25 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement xtrajt jew ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tittratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta; Malta, liema sentenzi kienu moghtija lil Bertram Zahra u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef fil-5 ta' Ottubru 2018;

Rat illi din il-Qorti giet ezentata milli terga' tisma' x-xhieda gia` mismugha precedentement quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[2];

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xiehda li xehdu quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet il-provi, u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi ma ghandha xejn x'izzid in linea ta' trattazzjoni ma' dak li diga` jirrizulta mill-atti[3], filwaqt illi semghet it-trattazzjoni finali da parti tad-difiza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol. 16.
[2] 18 ta' Ottubru 2018.
[3] 21 ta' Ottubru 2018.

L-imputat qed jigi mixli bis-serq aggravat bil-mezz u bil-lok ta' cilindru tal-gas minn gewwa Haz Zabbar ghad-detriment ta' Rita Micallef fl-20 ta' Jannar 2016, u alternattivament, bir-reat ta' ricettazzjoni kommess fl-istess data, lok u cirkostanzi. Qed jigi mixli wkoll li huwa recidiv.

In linea ta' provi, il-Prosekuzzjoni ressqet l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Bertram Zahra, fil-21 ta' Jannar 2016 liema stqarrija izda, il-Qorti tqis li ma ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha galadarba din giet rilaxxata fi zmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghandu minghajr lanqas ma nghatawlhom id-dritt li jaghzlu li jkollhom l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[4] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[5], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[6], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

---

[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[5] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[6] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

Illi f'Jannar tas-sena 2016, meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[7]

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi, anke fil-kaz odjern fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti, u huwa immaterjali l-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista'

[7] Il-Pulizija vs Aldo Pistella.

twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq u ghat-thassir tal-process kollu, ma ghandhiex taghmel uzu minn jew referemza ghall-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

**PROVI**

**P.S. 624 Keith Malon** xehed dwar rapport li sar telefonikament gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar minn Cynthia Sghendo fl-20 ta' Jannar 2016 dwar serq ta' cilindru tal-gas minn gol-garaxx li jinsab taht id-dar taghha. Ix-xhud qal li skont dak li gie rapportat mill-imsemmija Cynthia Sghendo, mit-tieqa tad-dar taghha hija kienet rat guvni jisirqilha c-cilindru u nnutat illi huwa tefa' c-cilindru fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAW-216. Mill-investigazzjonijiet li saru, irrizulta li l-vettura kienet ghajjat lil certu Brian Bondin u wara li marru fuq ilpost fejn twettqet is-serqa u gew murija mis-Sinjura Shgend minn fejn insteraq ic-cilindru. Ix-xhud kellem lil Brian Bondon li informa li l-vettura kien jaghmel uzu minnu certu Silvio Galea miz-Zejtun li huwa qarib tal-mara tieghu. Ix-xhud kompla jixhed illi fil-kors tal-investigazzjonijiet l-imsemmi Silvio Galea qallu li c-cilindru kien fil-kcina tieghu u hadu jarah, filwaqt li qal ukoll illi ftit qabel ghall-habta tas-1.00 p.m. Bertram Zahra kien qallu biex iwasslu Haz Zabbar ghaliex kien ser ibieghlu cilindru ghall-prezz ta' €20. Skont ix-xhud, Silvio Galea qallu li ma kienx jaf li c-cilindru kien misruq.

**Cynthia Sghendo** xehdet illi hija kienet ghamlet rapport lill-Pulizija serq ta' cilindru tal-gas mill-garaxx taht ir-residenza taghha. Ix-xhud spjegat illi hija kienet fil-hogor tat-tieqa fil-maisonette taghha li qieghda f'kantuniera u rat zewg persuni li wiehed minnhom nizel minn go karozza u rat illi ha l-gas minn gol-garaxx li jinsab taht ir-residenza taghha u tella' l-hood fuq rasu. Sakemm hija harget mill-bieb, lahqet hadet in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza u cemplet lill-Ghassa tal-Pulizija. Qalet illi ghalkemm ma tiftakarx in-numru tal-karozza, hija kienet tatu lill-Pulizija dak il-hin meta cemplet biex taghmel ir-rapport. Ix-

xhud ikkonfermat ukoll illi iktar tard fil-gurnata, ghal-habta tal-5.30 p.m. jew is-6.00 p.m. il-Pulizija cemplulha u infurmawha li c-cilindru gie ritornat u effettivament haditu lura. Hija ddeskriviet dan ic-cilindru bhala wiehed mill-kbar u qalet ukoll li l-karozza li rat qabel kienet ta' lewn ahdar fil-blu. Ma kienetx taf lil min kellmu lill-Pulizija u ma tafx min hi l-persuna li dahlet fil-garaxx, hlief li kien irqiq, mhux twil hafna u kien liebes hood fuq rasu.

**Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta xehed illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAW-216 hija tal-ghamla Toyota Carina ta' lewn griz u tinsab registrata f'isem Brian Bondin bil-karta tal-identita` bin-numru 203979M u kienet ilha hekk registrata sa mill-24 ta' Gunju tas-sena 2014 u kienet ghadha registra sa dakinhar tad-depozzjoni tieghu.

**Rita Micallef** xehdet li xi zmien fis-sena 2017 kienet id-dar taghha gewwa Triq JG Profs Baldacchino Haz Zabbar meta cemplitilha Cynthia Sghendo li toqghod fuq il-proprjeta` tax-xhud li kienet ghadha vojta, u qaltilha li rat karozza tieqaf u xi hadd ha xi cilindru. Ix-xhud spjegat illi hija kienet xtrat dan ic-cilindru ghal habibtha u hallitulha fil-proprjeta` taghha, u skont habibtha, il-persuna kienet dahlet fil-proprjeta`, ha c-cilindru u tefghu fil-bagoll tal-karozza u telqu. Ikkonfermat illi c-cilindru ghalkemm kien fil-proprjeta` taghha, kien ta' Cynthia Sghendo u ma kien hemm xejn iktar nieqes minn gol-post taghha. Ix-xhud ma ratx il-karozza u lanqas il-persuni li semmitilha habibtha.

**PC 737** (ismu ma giex registrat la fil-verbal tal-udjenza relattiva u lanqas waqt id-depozizzjoni tieghu, izda li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li huwa Kurt Dilan Underwood[8]), xehed illi fl-20 ta' Jannar 2016 Cynthia Sghendo irrapportat gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar illi kien hemm persuna li haditilha cilidnru tal-gas minn gol-garaxx li jinsab taht id-dar u li hija nghatat informazzjoni dwar in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura minghand persuna li toqghod fil-vicinanzi li

[8] Minn dak li jirrizulta mill-okkorrenza datata 20 ta' Jannar 2016 esebita a fol. 3 *et seq*.

riedet tibqa' anonima. Skont ix-xhud, irrizulta li l-vettura in kwistjoni bin-numru ta' registrazzjoni EAW-216 kienet registrata fuq certu Brian Bondin li, meta gie mitkellem mill-Pulizija, qal li dak il-hin kien qed jaghmel uzu minn din il-vettura certu Silvio Galea. Ix-xhud kompla jghid illi meta kellmu lil Silvio Galea, huwa qalilhom li iktar kmieni dakinhar stess, huwa kien iltaqa' ma' Bertram Zahra li kien ghadda ghalih bil-karozza u staqsih jekk iridx ibieghlu cilindru tal-gas u marru Haz Zabbar fejn Bertram Zahra nizel mill-karozza u wara rega' dahal fil-karozza bic-cilindru li bieghulu ghall-prezz ta' €20. Ix-xhud qal li Silvio Galea stqarr mieghu li ma kien jaf li c-cilindru kien misruq u kien minghalih li kien ta' Bertram Zahra. Dan ic-cilindru instab fid-dar ta' Silvio Galea, kien diga` imqabbad u dan inqala' mill-Pulizija u gie mghoddi lil Cynthia Sghendo fl-Ghassa tal-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma illi f'dan il-kaz kien involute ukoll is-Surgent 624 u l-Ispettur Hubert Cini.

Ghall-finijiet tal-addebitu tar-recidiva l-Ispettur Hubert Cini esebixxa tliet sentenzi li gew esebiti fl-atti bhala Dok. HC1, HC2 u HC3.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2018, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

**L-imputat ghazel li jixhed** f'din il-kawza u xehed fil-15 ta' Lulju 2019 u qal illi gew il-Pulizija meta kien qieghed id-dar jizbogh kamra li ghandu fuq il-bejt. Qal illi dak iz-zmien huwa kien jahdem il-Maypole u kien qed jistenna lill-mara tigi mix-xoghol biex twasslu x-xoghol. L-imputat cahad illi huwa seraq xi cilindru tal-gas u tant illi l-Pulizija kienu sabu c-cilindru ghand min kien serqu, certu Silvio Gauci li huwa kellu I jghid mieghu bl-idejn il-gurnata ta' qabel go hanut. Jichad ukoll illi huwa jaf xi haga fuq dan ic-cilindru tal-gas u jispjega illi l-gurnata ta' qabel gew il-;Pulizija huwa kien go hanut fil-misrah taz-Zejtun ghaliex kien bil-leave mix-xoghol dakinhar, kien qed jilghab il-billiard u kellu argument ma' Silvio u qallu biex ma jkellmux izjed. L-imputat afferma li huwa ma mar imkien ma' Silvio dakinhar u mar id-dar biex jizbogh il-kamra ta; fuq il-

bejt. Rega' rribadixxa li ma jaf bl-ebda cilindru li nsteraq u sar jaf bih ghaliex qalulu l-Pulizija li sabu c-cilindru ghand Silvio god-dar tieghu u gharfu n-numru tal-karozza tieghu u raw lilu.

Ikkunsidrat;

Mill-premess, jirrizulta illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-akkuzi kontra l-imputat, jinsabu mibnijin fuq l-allegazzjoni illi l-imputat seraq cilindru tal-gas appartenenti lil Cynthia Sghendo izda li kien jinsab gewwa garaxx di proprjeta` ta' Rita Micallef, u bieghu lil certu Silvio Galea ghall-prezz ta' €20.

Madanakollu, il-Qorti tosserva minnufih illi din l-allegazzjoni ma saret minn hadd iktar hlief mill-imsemmi Silvio Galea li madanakollu, ma giex prodott sabiex jixhed quddiem il-Qorti. B'zieda mal-premess, din il-verzjoni giet michuda b'mod assolut mill-imputat fit-testimonjanza tieghu u jigi osservat ukoll illi ebda wiehed mix-xiehda li gew imressqa mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhdu f'din il-kawza, ma gharrfu lill-imputat bhala l-persuna li serqet ic-cilindru tal-gas li kien jappartjeni lil Cynthia Sghendo. Effettivament, Cynthia Sghendo xehdet illi hija ma setghetx taghraf il-persuna li dahlet fil-garaxx u harget bic-cilindru tal-gas filwaqt illi Rita Micallef affermat illi hija ma kienetx prezenti fil-hin tas-serq tac-cilindru minn gol-proprjeta` taghha u ma tafx min seraq ic-cilindru. L-uniku identifikazzjoni li saret in konnessjoni mas-serqa kienet il-vettura li Cynthia Sghendo rat li biha waslu z-zewg persuni fuq il-post u li fiha tghabba c-cilindru minn wiehed minn dawn il-persuni li kien dahal fil-garaxx u hareg bl-istess cilindru.

Lanqas jirrizulta li hemm xi konnessjoni bejn l-imputat u l-vettura li giet identifikata fuq il-post tas-serqa, cioe` l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAW-216 stante illi l-provi juru illi dak iz-zmien din il-vettura kienet licenzjata f'isem certu Brian Bondin. Madanakollu, la l-imsemmi Brian Bondin u lanqas Silvio Galea, li gie indikat lill-Pulizija mill-imsemmi Brian Bondin bhala l-

persuna li kien fil-pussess tal-vettura in kwistjoni fl-20 ta' Jannar 2016 u li fil-pussess tieghu instab ic-cilindru misruq, ma gew prodotti biex jixhdu f'din il-kawza.

Ghall-Qorti, dan kollu jfisser illi ma gie ppruvat ebda ness kwalsiasi bejn is-serqa, il-vettura li ntuzat waqt is-serqa u s-sid licenzjat ta' din il-vettura, u l-imputat. Lanqas intwera li hemm xi rabta bejn l-imputat u c-cilindru misruq stante illi r-res furtiva nstabet fil-pussess tal-imsemmi Silvio Galea u mhux ghand l-imputat. Effettivament, l-imputat ma jikkonfigura mkien f'din is-serqa hlief fil-verzjoni li nghatat lill-Pulizija mill-imsemmi Silvio Galea li, ghalkemm fil-fehma tal-Qorti kien xhud indispensabbli ghall-prova biex tistabbilixxi xi hiel ta' htija fl-imputat, ma giex prodott biex jixhed f'din il-kawza. Il-verzjoni ta' Silvio Galea, li jallega illi huwa kien wassal lill-imputat sabiex igib cilindru tal-gas minn go garaxx Haz Zabbar liema cilindru huwa xtrah minghandu ghall-prezz ta' €20, tirrizulta biss mit-testimonjanza ta' P.S. 624 Kieth Malon u P.C. 737 li xehdu dwar dak li kien intqal lilhom mill-imsemmi Silvio Galea meta kellmuh.

Il-Qorti ma tistax ma tqisx ix-xhieda ta' l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, kwantu ghal dak li qalilhom il-persuna li fil-pusses taghha nstabet ir-res furtiva izda li ma affermatx dik il-verzjoni quddiem il-Qorti, bhala xhieda fuq kliem haddiehor u bhala tali, ghalkemm hija ammissibbli, ma tistax isservi bhala prova tal-kontenut taghha izda biss tal-fatt illi jkun intqal dak il-kliem lix-xhud. Ghalkemm id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 dwar l-ammissibbilita` ta' xhieda fuq kliem haddiehor f'materji civili, huma rezi applikabbli f'proceduri kriminali bis-sahha tal-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9, il-Qorti fic-cirkostanzi ma tqisx illi ghandha taghti qies u valur probatorju lil xhieda fuq kliem haddiehor daqslikieku l-persuni li qalu dak il-kliem effettivament xehdu *viva voce* quddiemha, anke jekk il-kliem ikollu importanza sostanzjali ghall-meritu tal-kaz.

Il-Qorti tqis illi fi proceduri kriminali meta x-xiehda jistghu jew setghu jingiebu sabiex jixhdu quddiemha, u konsegwentement kien hemm mezz biex il-fatti jigu ppruvati sewwa xort'ohra minn xhieda fuq kliem haddiehor izda dawn il-persuni ma tressqux mill-Prosekuzzjoni bhala xiehda, m'huwiex bizzejjed illi, ghall-fini tal-prova tal-akkuzi, dan il-kliem ikollu importanza sostanzjali fuq l-akkuzi. Dan qed jinghad ghaliex il-principju procedurali fil-kamp kriminali illi x-xhieda jinstemghu *viva voce* quddiem il-Qorti u fil-presenza tal-persuna akkuzata[9], huwa sagrosant u mehtieg fuq kollox in omagg u b'harsien tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi li jifforma parti integrali mill-jedd fondamentali ghal smigh xieraq. Wara kollox, ir-regola bazilari tibqa' dejjem dik enuncjata mill-Artikolu 638(1) tal-Kap. 9, cioe` illi ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacjenti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti.

Evidentement din ir-regola ma gietx osservata fil-kaz odjern ghaliex ma jirrizultax illi il-persuna li ma xehditx biex tikkonferma dak li qalet fil-kors tal-investigazzjonijiet, kienet persuna li ma setghetx tigi prodotta biex tixhed minhabba mewt jew ghax ma tistax tigi rintraccata minkejja l-isforzi evidenti tal-prosekuzzjoni, jew ghaliex hija persuna marbuta b'xi sigriet professjonali. Dan in-nuqqas fil-fehma tal-Qorti, huwa wiehed gravi ghaliex evidentement hija biss din il-persuna li setghet tghid jekk kienx effettivament l-imputat li dahal fil-garaxx ta' Rita Micallef u hareg bic-cilindru tal-gas.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Janis Caruana**[10], dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-persuna li kienet ghamlet rapport lill-Pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha hija biss *hearsay evidence* tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:-

"*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa*

[9] Artikolu 646(1) tal-Kap. 9.

[10] 14 ta' Mejju 2012.

*indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun* ***prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra.***" [enfazi ta' din il-Qorti]

Kif jghid il-Blackstone in propositu tar-regola kontra *hearsay evidence*:-

"*This rule has not been applied inflexibly and there are certain circumstances in which hearsay evidence is permitted under the ECHR. Nonetheless, Article 6(3)(d) [ECHR] does embody the principle that there should be equality of arms between the parties before the court and this includes the right to advance and to challenge evidence in court.*

…

*But hearsay evidence must be kept within strict limits, 'having regard to the place that the right to a fair administration of justice holds in a democratic society, any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary.* ***If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied'*** *(Van Mechelen v Netherlands (1997) 25 EHRR 647 at [59]).*26 [enfasi tal-Qorti][11]

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi fejn sejbien ta' htija jkun ibbazat esklussivament jew fi grad sostanzjali fuq verzjonijiet li jkunu nghataw minn persuna jew persuni li ma jkunux tressqu mill-Prosekuzzjoni bhala xiehda u b'hekk l-imputat ikun gie privat mill-opportunita` li jezaminahom, id-drittijiet tad-difiza jkunu qed jigu ristretti b'mod li mhux kompatibbli mas-salvagwardji tal-jedd ghal smigh xieraq provduti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni[12]. Konformement, tqis ukoll illi sabiex tista' sservi bhala fondament ghas-sejbien ta' htija b'mod sostanzjali jew esklussiv, din ix-xorta ta' xhieda ghandha dejjem tkun korroborata minn evidenza ohra li ssahhah u tissostanzja r-rizultanzi tal-*hearsay evidence*.

Ikkunsidrat;

Issa kif inghad, fit-testimonjanza taghhom, l-ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'din il-kawza tennew biss dak li skont huma intqal lilhom minn haddiehor. Applikat l-

[11] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. Vol 1: 147, page 395, 396.

[12] Il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Harsien tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

insenjament fuq citat, isegwi illi d-depozizzjonijiet taghhom jikkostitwixxu prova li sar it-tali kliem lix-xhieda, izda mhux prova li illi kien l-imputat li seraq ic-cilindru tal-gas, ghalkemm l-istess depozizzjoni tista' tintuza biex tikkorrobora provi ohra. Madanakollu, ma hemm ebda provi ohrajn fl-atti li jorbtu lill-imputat mas-serqa, oltre l-fatt illi l-imputat cahad kull involvement f'din is-serqa.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat ta' ricettazzjoni, intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godwin Spiteri**, deciza fit-2 ta' Marzu 2011:-

"*Issa, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' reat kull min f'Malta, "xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom". Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal- kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gejminn provenjenza kriminuza.*"

Kif diga` nghad, mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat qatt kien ir-ricettatur tar-res furtiva anzicche` dan il-pussess huwa kompletament eskluz, ghaliex mit-testiminonjanza ta' PS 646 Kevin Malon u PC 737 jirrizulta illi c-cilindru tal-gas instab fil-pussess ta' Silvio Galea. Ghaldaqstant, ir-reat addebitat lill-imputat fit-tieni imputazzjoni ma giex ippruvat.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, billi dan jistrieh bis-shih fuq is-sejbien ta' htija ta' tal-anqas wahda mill-ewwel zewg imputazzjonijiet liema imputazzjonijiet madanakollu ma gewx ippruvati, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghal dan l-addebitu.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat BERTRAM ZAHRA hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT.**